

2) RFA International, LP hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 155, 11.5.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Novembru 2018 – Barata vs Il-Parlament

(Kawża T-854/16) (¹)

(“Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta’ promozzjoni 2015 — Proċedura ta’ ċertifikazzjoni — Esklużjoni mil-lista definittiva tal-uffiċjali awtorizzati li jsegwu programm ta’ taħriġ — Artikolu 45a tar-Regolamenti tal-Persunal — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Drittijiet tad-difiża)

(2019/C 25/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: João Miguel Barata (Evere, il-Belġju) (rappreżentanti: G. Pandey, D. Rovetta, avukati, u J. Grayston, solicitor)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Nessaf u Í. Ní Riagáin Düro, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għal annullament, l-ewwel nett, tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-29 ta' Jannar 2016 u tad-deċiżjoni tal-konferma tad-29 ta' Marzu 2016 li ma jtniżzilx ir-rikorrent fil-lista ta' uffiċjali awtorizzati li jipparteċipaw fl-2015 għall-programm ta' taħriġ abbażi tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni tas-sena 2015, it-tieni nett, tad-deċiżjoni ta' każda tal-ilment tal-25 ta' Awwissu 2016, it-tielet nett, tal-Avviż ta' Kompetizzjoni Interna 2015/023, iddistribwita lill-persunal fit-18 ta' Settembru 2015, u, ir-raba' nett, tal-abbozz tal-lista ta' uffiċjali magħżula biex jipparteċipaw fil-programm ta' taħriġ inkwistjoni.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) João Miguel Barata huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 38, 6.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2018 – Haufe-Lexware vs EUIPO – Le Shi Holdings (Beijing) (Leshare)

(Kawża T-546/17) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Leshare — Trade mark internazzjonali pverbali preċedenti LEXWARE — Reġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE 2017/1001) — Xebh tas-sinjali”)

(2019/C 25/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Haufe-Lexware GmbH & Co. KG (Friburg-en-Brisgau, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Hebeis, avukat)